MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 194/2010

**Il-Pulizija**
**(Spett. Dennis Theuma)**

**vs.**

**Eleonora Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Eleonora Cassar ta' 27 sena bint Michael u Filippa nee' Agius mwielda Pieta fl-10 ta' Frar 1981 u residenti 19, Triq San Nikola, Siggiewi, ID 153881(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Frar 2009 u fis-snin ta' qabel

a) kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat il-verbal fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2011, *"Il-partijiet jaqblu li dawn il-proceduri kontra l-imputata huma bbazati biss fuq dak li l-imputata qalet fl-istqarrija taghha li rrilaxxjat lill-pulizija. Dr Joseph Giglio bir-rispett jirrileva li dan il-kaz jidher li jehtieg direzzjoni mill-Qorti in vista tal-indoli kostituzzjonali konsegwenza tal-istqarrija tal-imputata mehuda meta ma kinitx assitita minn avukat.'*

Rat in-nota tal-Kumissarju tal-Pulizija tas-26 ta' Lulju 2012, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, dina l-Qorti cahdet it-talba ghal riferenza kostituzzjonali, u irriteniet illi r-rimedju li ghandu jinghata ghal ksur ta' smiegh xieraq ta' l-imputata: "*huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta'* ***Privitera*** *fuq citat u cioe li l-Qorti tal-Magistrati "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi migjuba quddiemha" fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza odjerna ghandhom jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputata tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali."*

Ikkunsidrat:

Fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni qieghda tallega li fit-3 ta' Frar 2009 u fis-snin ta' qabel, l-imputata kellha fil-pussess taghha ir-raza mill-pjanta cannabis.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012, rega gie verbalizzat li *"Il-partijiet jaqblu li l-imputazzjoni kontra l-imputata hija bbazata biss fuq l-istqarrija."* F'din l-istqarrija l-imputata kienet ammettiet li madwar 3 snin qabel kienet ppruvat joint tal-cannbis u li t-toghma ma ghogbitiex. Pero, din l-istqarrija ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinietx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju, u konsegwentement din l-istqarrija ma jista' jkollha l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali ghaliex ittiehdet bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-imputata, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata minn din il-Qorti.

Illi, kif gie verbalizzat mill-partijiet stess, ma hemm l-ebda provi ohra kontra l-imputata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------